# Riċerka dwar l-protezzjoni żejda fil-ħajja tal-persuni b'diżabilità intelletwali f'Malta

Anne-Marie Callus u Isabel Bonello

Dipartiment għall-Istudji dwar id-Diżabilità

Fakulta għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

Universita ta' Malta

Novembru 2017

## Introduzzjoni



F’Malta, ħafna drabi persuni b’diżabilità intelletwali jkollhom protezzjoni żejda mill-ġenituri, membri tal-familja, u persuni li jaħdmu magħhom.



Persuni b’diżabilità intelletwali jistgħu jkunu indipendenti. Li tkun indipendenti ma jfissirx li tagħmel kollox waħdek, imma li tiddeċiedi waħdek u jkollok l-għajnuna ta’ persuni oħra f’affarjiet li ma tistax tagħmel waħdek. Ħafna drabi pero’, persuni b’diżabilità intelletwali ma jingħatawx din l-għajnuna.

Il-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsieb persuni b’diżabilità intelletwali ħafna drabi jaħsbu li persuni b’diżabilità intelletwali jista jiġrilhom xi ħaġa jekk jitħallew jiddeċiedu waħedhom. Din twassal biex l-ġenituri jipproteġu ħafna lil uliedhom u ġieli ma jħalluhomx joħorġu waħedhom u jmorru fejn jkunu jixtiequ.



Peress li persuni b’diżabilità intelletwali f’Malta jibqgħu jgħixu mal-ġenituri tagħhom għal ħafna żmien, din tkompli żżid il-protezzjoni żejda tal-ġenituri fuq uliedhom.

## Għalfejn saret din ir-riċerka



Riċerka ssir biex nsiru nafu iktar fuq xi haġa, u għalhekk nitkellmu ma' nies differenti biex nsiru nafu iktar. Din ir-riċerka saret sabiex nsiru nafu iktar fuq:

- Il-protezzjoni żejda tal-ġenituri fuq persuni b'diżabilità intelletwali
- Ghalfejn ikun hemm din l-protezzjoni żejda
- X'jista jsir biex ma jkunx hemm daqshekk protezzjoni żejda

## Kif għamilna r-riċerka

Sabiex jkun jista jkollna l-informazzjoni, għamilna 10 laqgħat ma' dawn in-nies differenti msemmija hawn taħt:



- 3 laqgħat ma' grupp ta sbatax-il persuni b'diżabilità intelletwali f' Malta u Għawdex
- 3 laqgħat ma' erbatax-il ġenitur ta' persuni b'diżabilità intelletwali f' Malta u Għawdex.
- 4 laqgħat ma' tmintax-il persuna li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità intelletwali f'Malta u Għawdex.

**X’sirna nafu minn din ir-riċerka**

*Xogħol*

Uħud mill-persuni li ħadu sehem fir-riċerka jaħdmu *part-time* jew *full-time*, hemm uħud imorru ċ-Ċentru, u hemm oħrajn li joqgħodu d-dar, uħud jaraw it-televixin.

Dawn l-affarjiet għenu lil persuni b’diżabilità biex isibu u jżommu ix-xogħol tagħhom:




- Matul dawn l-aħħar 10 snin, sar hemm iktar xogħol għal persuni b’diżabilità intelletwali f’postijiet bħal lukandi u uffiċini.
- Persuni b’diżabilità saru jżommu l-pensjoni meta jkunu jaħdmu.
- Peress li f’dawn l-aħħar snin, min iħaddem irid bilfors jħaddem persuni b’diżabilità skond il-liġi, persuni b’diżabilità saru jsibu iktar xogħlijiet.

*Benefiċċji tax-xogħol*



Il-persuni li tkellimna magħhom qalu li tmur ix-xogħol mhux biex taqla l-paga biss, imma hemm ħafna affarjiet tajbin oħra bħal:

- Tiltaqa u titkellem ma’ nies oħra
- Tkompli titgħallem dak li tgħallimt diġa’ l-iskola
- Titgħallem affarjiet ġodda bħal kif tuża tal-linja

Importanti ukoll li xi ħadd jispjega lil ġenituri ta' persuni b'diżabilità intelletwali dwar kemm hu importanti x-xogħol għat-tfal tagħhom.



*Esperjenzi differenti fid-dinja tax-xogħol*

Uħud minn dawk li ħadu sehem fir-riċerka huma kuntenti ħafna fix-xogħol tagħhom. Hemm oħrajn li jsibu xi problemi fuq ix-xogħol, bħal per eżempju:

- Persuna b'diżabilità tkun taħdem f'post, ġieli biex tipprova ix-xogħol għal ftit żmien, u wara li jispiċċa dan iż-żmien, ikollha tieqaf taħdem għax min iħaddem ma jkunx irid jżommha hemm.
- Ix-xogħolijiet li jingħataw lil persuni b'diżabilità jista jkun ma jkunux tajbin daqshekk biex jitgħallmu jaħdmu waħedhom.
- Ix-xogħol li jingħata lil persuni b'diżabilità jkun wieħed repettitiv.
- Problemi mal-kollegi tax-xogħol, speċjalment dawk li d-diżabilità tagħhom ma tidhirx.



*Għaliex ħafna persuni b'diżabilità intelletwali ma jaħdmux*

Xi wħud minn dawk li ħadu sehem, semmew ħafna raġunijiet għalfejn ħafna persuni b'diżabilità intelletwali ma jaħdmux, bħal dawn ta' hawn taħt:



- Persuna b'diżabilità titlaq minn fuq ix-xogħol peress li jkun trattat/a ħażin mill-kollegi tiegħu/tagħha.
- Ma jsibux xogħol tajjeb għalihom.
- Ġenituri li jaħsbu li t-tfal tagħhom mhumiex kapaċi jaħdmu jew li mhux se jkun trattati sew jekk imorru jaħdmu, jew li aħjar jibqgħu d-dar.
- Problemi biex persuna tkun tista tmur ix-xogħol waħedha, per eżempju, ma tkunx taf kif tuża tal-linja.
- Problemi ma' min iħaddem, peress li ġieli jiġri li jibżgħu jħaddmu persuni b'diżabilita jew li jittrattaw lil persuna b'diżabilita b'mod ħazin.

*<u>Xogħol tad-Dar</u>*

Ix-xogħol tad-dar huwa importanti biex titgħallem tagħmel l-affarjiet waħdek. Il-ġenituri li ħadu sehem f'din ir-riċerka qalu li t-tfal tagħhom ftit li xejn jgħinu fix-xogħol tad-dar. Hemm xi persuni pero' li jgħinu fix-xogħol tad-dar u fiċ-Ċentru.

*<u>Hruġ mal-ħbieb u biex tieħu gost</u>*



Dawk il- persuni b'diżabilità li jaħdmu ħafna drabi ma tantx ikollhom opportunita' li joħorġu. Il-Ħruġ huwa importanti ħafna għal kulħadd.

*Ħruġ ma' tal-familja*



Ħafna minn dawk li ħadu sehem f'din ir-riċerka qalu li ħafna drabi persuni b'diżabilità intelletwali joħorġu ma' tal-familja peress li ma jkollhomx il-ħbieb. F'Għawdex, persuni b'diżabilità joħorġu l-iktar mal-ġenituri tagħhom.

*Ħruġ ma' persuni oħra*

Minn dawk li ħadu sehem fir-riċerka, jidher li ftit minnhom ikollhom opportunita' biex joħorġu ma' persuni oħra. Dan ħafna drabi jiġri peress li persuni *b'diżabilità* ma jkollhomx trasport biex jaslu fejn ikunu jridu jmorru u ma jkollhomx flus biex joħorġu.



*X'jaħsbu l-ġenituri dwar il-ħruġ*

Il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità intelletwali ħafna drabi jinkwetaw meta it-tfal tagħhom joħorġu u ma jkun hemm ħadd li jieħu ħsiebhom. Jinkwetaw ukoll meta uliedhom joħorġu ma' persuni li m'għandhomx diżabilità jew li ma jaħdmux ma' persuni b' diżabilità.

In-nies li jaħdmu fiċ-Ċentri ta' persuni b'diżabilità qalu li jorganizzaw ħafna attivitajiet biex persuni li jattendu iċ-Ċentri jkunu iktar indipendenti.

Ħafna drabi, il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità intelletwali qalu li jħallu lil uliedom joħorġu jekk fejn se jkunu sejrin ikun għal-ġid ta' uliedhom.




*<u>X'jixtiequ l-persuni b'diżabilità intelletwali dwar il-ħruġ</u>*

Persuni b'diżabilità intelletwali jkunu jixtiequ jagħmlu l-istess affarjiet li jagħmlu persuni ta' eta' daqshom.

Peress li ma tantx hemm ħafna servizzi fil-komunita', ħafna persuni b'diżabilità intelletwali jiddependu fuq tal-familja biex joħorġu.



Barra minn hekk, ħafna persuni b'diżabilità intelletwali joħorġu ma' persuni b'diżabilità intelletwali oħrajn, u dan mhux dejjem għax iridu huma imma jista jkun ġej minn nies oħrajn li ma jkunux iridu joħorġu ma' ħafna persuni b'diżabilità.

*Bidliet li hemm bżonn fis-soċjetà dwar il-ħruġ*

Hemm affarjiet li jridu jinbidlu fis-soċjeta' biex kulħadd ikun inkluz iktar fis-soċjeta, bħal:




- Persuni li jaħdmu ma' ħafna persuni b'diżabilità intelletwali għandhom jkomplu jitgħallmu iktar fuq ix-xogħol tagħhom u jinvolvu izjed lil persuni b'diżabilità.
- Persuni b'ċerti diżabilitajiet, bħal persuni b'diżabilità intelletwali u persuni li jużaw l-wheelchair, ikollhom inqas opportunitajiet biex joħorġu u jkunu aċċettati.
- Għandu jkun hemm iktar opportunitajiet biex persuni b'diżabilità intelletwali joħorġu, speċjalment fil-kommunita'.

*Trasport Pubbliku*

Li tkun taf tuża tal-linja huwa importanti ħafna. Persuni b'diżabilità intelletwali jsibu dawn il-problemi rigward trasport pubbliku:



- Il-ġenituri li jibżgħu jħallu lit-tfal tagħhom jużaw tal-linja
- Ħafna minn dawk li ħadu sehem ma jużawx tal-linja waħedhom.
- Ħafna minn dawn il-persuni ma jitgħallmux jużaw tal-linja għax ħadt ma jkun għallimhom.

- F'Malta hemm ħafna nies li ma jużawx tal-linja peress li is-servizz mhux dejjem ikun tajjeb.

*Flus*



- Ftit persuni li ħadu sehem f'din ir-riċerka jafu jużaw il-flus waħedhom, u l-ġenituri tagħhom jgħinuhom biex iqassmu flushom.
- Hemm ġenituri jew familjari li jgħinu lil persuni b'diżabilita' biex jqassmu flushom imma hemm oħrajn li ma jgħinuhomx u minflok jżommu l-flus huma.
- Hemm bżonn li persuni b'diżabilità intelletwali jkollhom tagħlim fuq kif iqassmu flushom u anke kif jużaw il-VISA cards.

*Telefonati fuq il-mobile*



- Il-*mobile* huwa importanti biex wieħed jikkomunika.
- Ħafna mill-persuni b'diżabilità intelletwali li ħadu sehem qalu li jiddejqu meta l-ġenituri jew nies oħra joqgħodu iċċemplulhom għal iktar minn darba meta joħorgu.

*Teknoloġija*



- Ħafna minn dawk li ħadu sehem fir-riċerka jafu jużaw it-teknoloġija, bħal *mobiles, tablets* u affarjiet oħrajn, peress li hu faċli biex tużahom.

*Relazzjonijiet intimi*



- Persuni b'diżabilità intelletwali li għadhom *boyfriend* jew *girlfriend* ġieli jkollhom xi problemi biex jgawdu ir-relazzjoni tagħhom, anke meta dawn għandhom iktar minn 18 -il sena.
- Ġieli jkun hemm ġenituri jew familjari li jindaħlu fir-relazzjonijiet tat-tfal tagħhom, l-iktar meta it-tfal tagħhom ikunu bniet. Ġieli anke ma jħalluhomx joħorġu ma' *boyfriend* jew *girlfriend*.
- Hemm uħud li jibżgħu joħorġu ma' xi ħadd għax jibżgħu li jweggħu.
- Hemm ħafna nies li ma jagħrfux li persuni b'diżabilità intelletwali jista jkollhom relazzjoni serja u xorta jqisuhom bħala tfal.
- Ħafna nies ukoll jaħsbu li persuni b'diżabilità intelletwali ma jkollhomx ġibdiet sesswali.
- Hemm ukoll nuqqas ta' edukazzjoni rigward sesswalita'.

*Kif iġib ruħu ħaddieħor ma' persuni b'diżabilità intelletwali*



- Ħafna minn dawk li ħadu sehem f'din ir-riċerka qalu li ħaddieħor iġib ruħu tajjeb magħhom.
- Hemm xi persuni li qalu li jibżgħu joħorġu ma' persuni li ma għandhomx diżabilita' ghax jibżgħu li joqgħodu jgħadduhom biż-żmien jew li ma jagħtux kashom.
- Ħafna minn nies iktar jitħassru lil persuni b'diżabilita'.
- Dawk il-persuni b'diżabilità intelletwali li għandhom imġieba differenti jsibuha iktar diffiċli biex jiġu aċċettati minn oħrajn.

*<u>Xewqat għall-Futur</u>*



Dawk li ħadu sehem fir-riċerka qalu li jixtiequ dawn l-affarjiet fil-futur:

- Li jkollhom dar tagħhom u jkun hemm xi ħadd li jista jgħinhom meta hemm bżonn.
- Hemm minn jixtieq ikollhu *boyfriend* jew *girlfriend* jew jiżżewweġ.
- Hemm minn jixtieq isib xogħol.
- Hemm minn jixtieq isiefer.
- F'Għawdex hemm minn irid jmur joqgħod Malta jew jiġi għal vakanza f'Malta.



Importanti ħafna li dejjem nisimgħu xi jridu l-persuni b'diżabilità intelletwali infushom u li jkun hemm iktar opportunitajiet biex persuni b'diżabilità intelletwali jitkellmu.

Is-servizzi għal persuni b'diżabilità intelletwali wkoll għandhom jkunu skond dak li l-persuni jkollhom bżonn, bħal ħruġ u ħbiberiji.



*Hemm bżonn li jinbidlu dawn l-affarjiet ukoll fis-soċjeta':*

- persuni b'diżabilità intelletwali ikunu iktar indipendenti u rispettati mill-oħrajn.
- Naraw lil persuni b'diżabilità intelletwali bħala persuni u mhux '*msieken'.*
- Għandu jkun hemm iktar tagħlim biex in-nies ikunu jafu iktar kif ikellmu lil persuni b'diżabilità intelletwali u biex jitgħallmu li kulħadd jitqies l-istess.

*Servizzi għal persuni b'diżabilità intelletwali*



- Hemm bżonn li jkomplu jitjiebu s-servizzi għal persuni b'diżabilità intelletwali.
- Is-servizzi għandhom ikunu addattati għal bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità intelletwali, u jkun hemm iżjed ħruġ u għajnuna biex persuni b'diżabilità intelletwali ikollhom l-ħbieb jew relazzjonijiet.

- Hemm bżonn li persuni b'diżabilità intelletwali jkunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti billi jkun hemm djar u flats u li jkollhom għajnuna biex isibu xogħol.
- Importanti li c-Ċentri ta' matul l-jum ikollhom ftit klijenti biex ikollhom iktar attenzjoni.
- L-iskola għal persuni b'diżabilità intelletwali għanda tkompli wara is-sittax -il sena u jkun hemm inklużżjoni vera.

*Protezzjoni żejda*



Ġieli jkun hemm drabi fejn l-ġenituri jkollhom raġun għalfejn jipproteġu ħafna lil uliedhom, ħafna drabi għax jinkwetaw li jista jiġrilhom xi ħaġa meta dawn ikunu waħedhom.

Il-ġenituri għandhom ikollhom għajnuna biex jagħtu l-għajnuna li jkollhom bżonn it-tfal tagħhom u jħalluhom iżjed liberi.

F'Malta, ħafna nies jipproteġu iżżejjed lil uliedhom jew lil persuni b'diżabilita.

Persuni b'diżabilità intelletwali, b'għajnuna u tagħlim, jistgħu jitgħallmu ħafna izjed affarjiet milli naħsbu.



Importanti li persuni b'diżabilità intelletwali jitgħallmu jitkellmu għalihom infushom.

**Kelma tal-aħħar**

Wara li lestejna din ir-riċerka għamilna konferenza biex nitkellmu dwar dak li tgħallimna dwar il-protezzjoni żejda fil-ħajja tal-persuni b'diżabilita intelletwali f'Malta. Dawn kienu l-kummenti ta' żewġ persuni b'diżabilita li tkellmu:

Wieħed qal: 'Ma jarawx dak li aħna kapaċi nagħmlu. Agħti ċans lill-persuna. M'għandhomx dejjem ikunu l-ġenituri li jitkellmu f'isimna.'

U oħra qalet: 'Aħna m'aħniex oġġetti. Aħna nies. Għandna bżonn li nkunu aċċettati mhux tollerati.'